MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2003

Numru 687/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
JONATHAN JOSEPH BRIFFA
ANDREW FORMOSA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Jonathan Joseph Briffa ta’ 20 sena bin missier mhux maghruf u Mary Briffa imwieled fil-Pieta fit-23 ta’ Gunju 1983 u li joqghod Marlene flats, 3, Triq Testaferrata, Gzira detentur tal-karta tal-identita bin-numru 349183M u Andrew Formosa ta’ 19 il-sena bin Joseph u Helen nee Zammit imwieled fil-Pieta fid-19 ta’ Lulju 1984 u li joqghod 47, Triq il-Wied, Msida detentur tal-karta tal-identita bin-numru 356484M talli fil-15 t’Awissu 2003 ghal habta tas-1.30 ta’ wara nofsinhar mix-Chalet sitwat f’Ghar id-Dud Triq it-Torri, Sliema ikkommettew serq ta’ basket kontenenti apparat cellulari, apparat fotografiku, arlogg tal-marka swatch, u hwejjeg ohra ghad-dannu ta’ Johann

Zimmer mill-Germanja, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tas-16 t'Awissu 2003 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261 u 267 tal-kap 9 u Art 7 u 9 tal-kap 446 tqieghed lill-imputati taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sena.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jahtar probation officer ghall-imputati sabiex din tkun tista tissorvelja lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------